MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Numru. 1201/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Sammut)**

**vs**

**Neil Attard ta’ 30 sena bin Anthony u Catherine nee’ Grech, imwieled fit-28 ta’ Ottubru 1981 u residenti 3, Mt. Carmel Flats, Triq is-Sajjieda, B’Bugia detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 601081(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Neil Attard akkuzat talli nhar il-14 ta’ Settembru 2007 ghal habta ta’ nofs in-nhar, gewwa Pembroke, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed l-hajja f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Christopher Farrugia

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Dicembru 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din l-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi l-incident mertu ta' din il-kawza kellu bhala sfond tieghu disgwid bejn tnejn minn nies li jahdmu fl-istess post tax-xoghol. L-imputat kien impjegat bhala perit mal-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada, filwaqt illi l-parti leza kien impjegat bhala draftsman. Jidher illi bejn dawn it-tnejn minn nies mal-ewwel nibtet certu animosita'. Il-parti leza jikkontendi illi l-imputat kien kontinwament joqghod jidhaq bih u jwaqqghu ghac-cajt quddiem l-impjegati l-ohra. Jghid li kien jitrattah hazin u kien hemm okkazzjonijiet fejn anke spicca irrapurtah lis-superjuri tieghu. L-imputat minn naha tieghu jichad dana kollu u jsostni illi kien Farrugia li mal-ewwel ma hax grazzja mieghu u kien anke jghamillu il-bsaten fir-roti u jssemmi okkazzjoni partikolari fejn huwa kien illarga mill-ufficcju u rega' irritorna u sab lil Farrugia qed iqalliblu qalb l-affarijiet u l-karti tieghu fuq l-iskrivanija. Jidher li qatt ma ittiehdet xi azzjoni mid-dirigenti sabiex isolvu dina l-kwistjoni ghalkemm kienu konsapevoli li kien hemm il-problemi bejn dawn it-tnejn minn nies. Mhux biss hekk izda ghal xi raguni thallew ikomplu jahdmu fl-istess ufficcju bl-iskrivaniji taghhom biswit xulxin. It-tensjoni bejniethom kompliet tiskala sakemm wasslet ghal incident mertu tal-kawza. Iz-zewg partijiet jaghtu storja differenti ta' kif sehhew il-fatti u filwaqt li l-parti leza tikkontendi illi kien l-imputat li ghamel l-ewwel pass fl-aggressjoni, l-imputat dana jinnegah u jsostni illi kien Farrugia li tah l-ewwel daqqa ta' ponn u hu spicca irritalja.

Christopher Farrugia jiddeciedi fl-ghodwa ta’ dana l-incident illi ikellem lil kollega komuni li kienet tahdem fl-istess ufficcju mieghu u mal-imputat, certu Nathalie Psaila, sabiex twissi lill-imputat ma jkomplix jaghtih fastidju. Dana id-diskors huwa qalulha fil-kcina ta’l-ufficcju. Prezenti kien hemm ukoll l-fattiga Tessie Mallia u is-segretarja tal-*general manager* Sarah Magri. Jghid illi meta kellem lil Nathalie Psaila sabiex hija tghaddi l-messagg lill-imputat dina qaltlu li jekk ried jghidlu xi haga kellu jghidhielu hu stess u li ma kenitx lesta tghaddi l-ebda messagg lill-imputat. Jidher illi f’dana il-hin dahal l-imputat fil-kcina u Farrugia indirizzah u qallu sabiex ihallieh bi kwietu u uza kelma dispreggattiva fil-konfront ta’l-imputat. L-imputat hawnhekk oggezzjona illi Farrugia jkellmu b’dak il-mod u Farrugia jghid li ipprova jiskapulah u hareg mill-kcina sabiex imur lura fl-ufficcju, izda l-imputat beda jimbottah b’sidru. Hawnhekk Farrugia isostni illi kellu tazza tal-hgieg f’idejh li waqghet fl-art u inkissret. Beda jgholli jdejh sabiex jghatti wiccu u l-imputat gidmu f’subajgh tac-curkett ta’ idu il-leminija. Jghid illi l-imputat kompla jzomm subajgh f’halqu tant illi huwa kellu jissara mieghu sabiex irnexxielu johorgu fejn jikkontendi illi f’dana l-mument subajgh inqasam f’halq l-imputat. Ighid illi l-imputat beda jaghtih bil-ponn f’wiccu u spicca waqa’ fl-art fejn hemmhekk l-imputat kompla jaghtih bis-sieq. F’dana il-hin gew xi impjegati ohra fl-ufficcju sabiex iferrquhom. Huwa sofra diversi griehi fosthom qtugh f’wiccu u diversi tbengil u anke kellu griehi f’subajgh fejn spicca kellu jigi operat minhabba fil-ksur li sofra fl-istess.[1]

L-imputat minn naha tieghu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti jikkontendi illi kien Farrugia l-ewwel li aggreddieh. L-imputat jikkonferma li l-imputat uza kelma dispreggattiva fil-konfront tieghu u hu wiegbu li ma setax ikellmu b’dana il-mod u hareg mill-kcina sabiex imur jirraportah. Izda jghid illi l-imputat ghadda minn hdejh u spicca gie quddiemu, refa’ idejh fejn kien qed izomm tazza tal-hgieg u beda jaghtih fuq wiccu bit-tazza precisament fuq

[1] Ara xhieda ta’ Christopher Farrugia a fol.38 et seq u id-dokumenti minnu esebieti Dok CF1 a fol.46.

imniehru. Jghid illi huwa gie b’daru mal-hajt u ma’ kull daqqa li beda jaghtih Farrugia, huwa beda jahbat rasu mal-hajt. F’hin minnhom jghid illi t-tazza habtet mal-hajt u inkissret. Hawnhekk jikkontendi illi Farrugia qabdu minn wiccu min-naha ta’ halqu u kien f’dana il-mument meta huwa beda jipprova jirribatti ghal dina l-aggressjoni u beda jxejjer b’idejh fejn hawnhekk imbaghad Farrugia waqa ma’l-art. L-imputat jghid illi f’dana l-mument ra lil Farrugia ser jaqbad bicca hgiega li kien hemm fl-art sabiex jaggredieh biha u huwa beda jxejjer bis-sieq. Jikkontendi illi l-aggressjoni tant kienet qawwija li sahansitra storda. Fil-fatt jghid illi anke hu sofra xi griehi f’dana l-incident fosthom xi tbengil u nefha fuq imniehru fejn anke infarag, tbengila fuq in-naha ta’ wara ta’ rasu u anke ugiegh fuq rasu.[2]

Illi ghalkemm l-imputat isostni illi Farrugia aggredieh u beda jaghtih daqqiet fuq imniehru bit-tazza li kellu f’idejh, ix-xhieda okkulari u cioe’ kemm Nathalie Psaila kif ukoll Tessie Mallia jsostnu illi Farrugia xejjer daqqa ta’ ponn f’wicc l-imputat. Hadd minnhom ma jsemmi l-fatt illi Farrugia kien qieghed isawwat lill-imputat b’tazza. Hawnhekk isostnu illi l-imputat irreagixxa u aggredixxa lil Farrugia. Fil-fatt Tessie Mallia issostni illi t-tazza inkissret ghax habtet mal-hajt u waqghet fl-art fil-mument illi Joseph Borg intervjena sabiex iwaqqafhom milli jiggieldu.

Joseph Borg, it-*telephone operator* jghid illi huwa intervjena bejn dawn it-tnejn minn nies sabiex iferraqhom u allura meta wasal fuq il-post l-imputat u Farrugia kienu diga qed jiggieldu bl-idejn. Huwa ghalhekk ma jistax jixhed dwar kif bdiet il-glieda bejniethom. Lanqas ma jista’ jixhed dwar kif spiccat il-glieda peress illi jsostni illi meta huwa intervjena f’dina il-glieda, tarlu n-nuccali minn ghajnejh u meta mar sabiex jigbru induna li kienet naqsitlu bicca u ghalhekk intilef ifittex il-parti in-nieqsa tan-nuccali.[3]

Ivan Zammit li kien impjegat bhala *tender administrator* mal-Fondazzjoni wasal fuq ix-xena meta Joseph Borg

---

[2] Ara xhieda ta’ l-imputat a fols.139 et. seq., certifikati medici Dok NA4 u NA5 a fol.160 u 161, kif ukoll stqarrija Dok MS7 a fol.35B et seq.
[3] Ara xhieda ta’ Joseph Borg a fol.59

kien qieghed jipprova jferraq lill-imputat u lil Farrugia. Huwa osserva li Farrugia kien fl-art filwaqt illi l-imputat kien bil-wieqfa hdejh qed jaghtih bis-sieq. Jghid: "**Niftakar li kien qed jaghtih bis-sieq x'imkien f'zaqqu. … Neil beda jghati lil Chris li kien fl-art. Chris beda jcaqlaq saqajh u jdejh biex jipprova jilqa' id-daqqiet."**[4] Anke Tessie Mallia tghid illi l-imputat beda jaghti daqqiet tas-sieq lil Farrugia meta dan ta'l-ahhar waqa' ma'l-art.

Illi ix-xhud Sarah Magri li kienet is-segretarja tal-*general manager* tikkonferma illi kien hemm problemi bejn l-imputat u Chris Farrugia u kienet anke irrapurtat dana il-fatt lil *general manager*, izda qatt ma ittiehdu passi ghax skont kif tghid Sarah Magri ghal *general manager* "dawn affarijiet tat-tfal iz-zghar". Mix-xhieda taghha jidher car illi din is-sitwazzjoni kompliet tiskala sakemm wasslet ghall-incident mertu tal-kawza. Ix-xhud madanakollu ma titfax wisq dawl fuq id-dinamika ta'l-incident ghaliex issostni illi hekk kif beda l-argument hija illargat mill-post peress illi f'dak iz-zmien kienet qed tistenna tarbija.[5]

Illi in succinct ghalhekk dawn ix-xhieda jindikaw is-segwenti:

1. Illi ma hemmx dubbju illi l-incident kollu gie ipprovokat mill-parti leza li dehrlu li l-imputat kellu jaghtih spjegazzjoni dwar l-atteggjament negattiv li kellu fil-konfront tieghu. Huwa affrontah u anke uza kliem dispreggtiv fil-konfront tieghu. Minn hawn jidher illi qam argument bejniethom u spiccaw gew fl-idejn.

2. Illi l-parti leza xejjer daqqa ta' ponn fid-direzzjoni ta'l-imputat u dan ta'l-ahhar irritalja b'mod sproporzjonat ghall-aggressjoni li kien issubixxa minn Chris Farrugia.

3. Illi l-Qorti temmen bi shih lil Chris Farrugia meta jsostni illi l-imputat gidimlu subajgh u anke kompla jsawwtu meta dan ta' l-ahhar waqa' fl-art.

---

[4] Ara xhieda ta' Ivan Zammit a fol.62 et.seq.
[5] Ara xhieda ta' Sarah Magri a fol.101 et.seq.

4. Dana kollu huwa ikkonfermat mill-griehi li sofrew iz-zewg partijiet minn fejn jirrizulta illi l-imputat sofra daqqa fuq imniehru u daqqa fuq in-naha ta' wara ta' rasu, filwaqt illi Farrugia sofra diversi griehi konsisteni fi tbengil u qtugh fuq wiccu u ksur f'subajgh fejn anke spicca kellu jigi operat.

5. Illi minn imkien ma jirrizulta illi Farrugia ta diversi daqqiet fuq wicc l-imputat bit-tazza li kellu f'idejh u ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-imputat ma tistax titwemmen.

Minn dana kollu ghalhekk jidher car illi ghalkemm l-imputat jipprova jpingi stampa tieghu innifsu bhala vittma ta' aggressjoni qawwija minn naha ta' Farrugia, dina l-verzjoni ma issibx sostenn mill-provi akkwizti. Illi l-Qorti ma temminx ghalhekk dak li jghid l-imputat meta jsostni illi huwa hebb ghal Farrugia sabiex jiddefendi ruhu meta Farrugia aggreddieh u beda jsawwtu b'tazza tal-hgieg. Dana qed jinghad ghaliex l-imputat qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa irreagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' Farrugia. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri***

***l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad:

***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Illi fil-fatt l-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) spjegat dana il-kuncett b'mod ezawrjenti fil-kawza Ir-Repbblika ta' Malta vs Dominic Briffa meta stqarret:

"***li l-mod kif il-kwistjoni ta'l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-periklu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, fácilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element ta'l-inevitabbilita' tal-periklu jew minaccja. Jekk pero', mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-periklu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta'l-inevitabbilita'***."[6]

---

[6] Kawza deciza fis-16 ta' Ottubru 2003

Illi l-Qorti tqis illi dawn l-elementi estremi ma jirrizultawx f’dana il-kaz. L-imputat ireagixxa b’mod kemmxejn vjolenti f’dana l-incident kollu. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien irrabjat mhux ftit ghal Farrugia iktar u iktar meta huwa beda ighajjru. Ma hemmx dubbju illi kien hemm animosita kbira bejniethom. Dawn it-tnejn minn nies kienu qed jghixu qishom f’buzzieqa li qed tistenna minn hin ghall-iehor li tisplodi. Fil-fatt hekk gara u l-imputat ireagixxa ghall-azzjonijiet ta’ Farrugia fl-isfond ta’ dina l-animosita li kien hemm bejniethom u mhux ghax kien hemm xi periklu imminenti, attwali istantanju u assolut!

Illi fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma kellux bzonn jireagixxi kif ireagixxa billi seta’ fácilment ma jirritaljax ghall-agressjoni bil-mod kif irritalja. Dana qed jinghad iktar u iktar meta Farrugia waqa’ fl-art, kien qieghed f’posizzjoni dghajfa meta imqabbla mal-posizzjoni tieghu fejn kien bil-wieqfa, u huwa beda jxejjirlu daqqiet ta’ sieq f’zaqqu minflok telaq minn fuq il-post. Il-Qorti ma tistax temmen lill-imputat meta ighid illi huwa beda jxejjer b’siequ ghaliex beza’ illi Farrugia kien ser jabqad bicca hgiega b’idejh sabiex jaggredieh biha. Kif seta’ Farrugia jaghmel dana meta huwa kien qieghed mimdud fl-art jaqla’ bis-sieq? Ix-xhieda kollha jghidu illi raw lill-imputat jaghti daqqiet ta’ sieq fuq Farrugia u hadd minnhom ma jghid dak li isostni l-imputat illi huwa beda ixejjer biss bis-sieq.

Illi ghalhekk lanqas ma tista’ tirrizulta l-iskriminanti ta’l-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Illi sabiex dina d-difiza tista’ tirnexxi id-difiza jenhtiegilha tipprova illi kien hemm l-element tal-biza’, hasda  jew twerir li igibu l-impunita’. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta’l-imputat, l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jirrizultaw mill-provi. Illi ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed f’xi hin jibza’ minn Farrugia jew li dana hassdu jew kien qieghed iwerwru tant illi l-imputat hass il-bzonn li jiddefendi ruhhu minn dina l-aggressjoni. L-imputat seta fácilment jitlaq minn fuq il-post u jinjora dak li kien qed ighidlu Farrugia, izda tant kien irrabjat ghal dak illi beda ighidlu Farrugia u ghal dak li kien ghamillu illi ireagixxa ghal dina l-provokazzjoni.

Illi l-artikolu 227(c) fil-fatt jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni u l-Qorti tara illi fil-fatt hija dina s-sitwazzjoni li avverat ruhha bejn dawn it-tnejn minn nies. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

**"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li jsawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi l-Qorti tqis illi f'dana l-kaz kien hemm provokazzoni da parti tal-parti leza u ghalhekk il-Qorti ser tilqa' dina il-linja difensjonali. Illi ma hemmx dubbju illi hekk kif gie affrontat minn Farrugia u ghalhekk gie ipprovokat, l-imputat ireagixxa instantanjament u ghalhekk it-tnejn gew fl-idejn bil-konsegwenza illi l-imputat ikkaguna il-griehi li sofra Farrugia f'dana l-incident.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza, jirrizulta mix-xhieda ta' Mr. Carmel Sciberras kif ukoll ta' Dr. Kyron Chircop illi minhabba l-ksur li sofra f'subajgh ta' idejh, Farrugia sofra griehi ta' natura gravi. L-istess Mr. Sciberras isostni illi l-gerha kienet kompatibbli ma' *blunt trauma* u ghalhekk ma' liwja tas-subgha.[7] Fil-fatt il-parti leza jsostni illi subajgh inkiser meta huwa beda jilwieh sabiex jipprova johorgu minn halq l-imputat li gidmu u baqa' jzomm subajgh f'halqu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dana l-incident kien wiehed li seta' jigi evitat li kieku ir-relazzjoni tal-partijiet fuq il-post tax-xoghol gew ikkontrollati minnufih mid-dirigenti u ma thallewx jiddeterjoraw sal-punt fejn sehhet l-aggressjoni fízika. Illi il-post tax-xoghol huwa l-ambjent fejn wiehed iqatta' il-maggior parti tal-hin tieghu fil-gurnata. Illi ghalhekk ambjent fejn hemm tensjoni u nuqqas ta' kompatibilita' bejn impjegati ghandha tigi regolata minnufih. Hadd ma ghandu jmur ghax-xoghol kull fil-ghodu b'tensjoni u dwejjaq minhabba xi sitwazzjoni spjacevoli li tezisti. Sitwazzjonijiet bhal dawn ghandhom jigu rimedjati minnufuh qabel ma jkun tard wisq. Ghalhekk piena karcerarja effettiva certament ma hijiex idoneja ghal dana l-kaz. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt ukoll illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa u li l-griehi sofferti mill-parti leza illum fiequ kompletament.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(iii)(2), 227(c), 230(b), 232(a), 235, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema reat madanakollu huwa skuzabbli

[7] Ara xhieda ta' Mr. Carmel Sciberras a fol.51 e seq.

ai termini ta’l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba provokazzjoni, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberta’ kondizzjonata.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lil hati b’garanzija ta’ hames mitt ewro ghal zmien sena mil-lum sabiex izzomm il-paci ma’ Christopher Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------